MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 360/2009

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**Vs**

**Advance Shipping Limited C-18421**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames t'elef erbgha u hamsin ewro u disgha' centezmi (€5054.09) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata in konnessjoni ma' diversi 'mobile phones' skont il-prospett anness u mmarkat Dokument A.

Is-socjeta' intimata minkejja li nterpellata diversi drabi sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat ‘Dokument A’ a fol 2 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fil-13 ta' Settembru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €5054.09 bl-imghax legali mill-25 ta’ Settembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjes kollha ta’ din il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u kawtelatorju tal-25 ta’ Settembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------